MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 2923/2002

**Standard Publications Limited**

**Vs**

**Duncan Fenech**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fil-5 ta' Dicembru, 2002, fejn intalab il-hlas ta' mija u tlieta u erbghin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm143.75) bilanc ta' prezz dovut mill-konvenut lil Standard Publications Limited in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici fl-2001.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Settembru, 2002, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut Duncan Fenech ipprezentata fit-3 ta' Frar 2003 fejn eccepixxa:**

**1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.**

**2. Illi s-servizzi rezi mis-socjeta' attrici ma sarux skond l-arti u s-sengha.**

**3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fi kwalunkwe kaz is-servizzi rezi ma sarux kif ordnat.**

**4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.**

**Semgha x-xhieda ta' John Peel, Caroline Fenech, Clint Farrugia. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Din il-kawza qed issir mis-socjeta' attrici ghal hlas ta' invoice skond ma jirrizulta mid-Dok JP 1 esebit, u dana ghar-reklamar fil-gazzetta tas-socjeta' attrici.**

**2. Caroline Fenech, sales executive and marketing tas-socjeta' attrici tikkonferma li l-booking ghar-reklami kienet haditu hi li kienu saru zewg reklami.**

**3. Jirrizulta illi l-kliem dwar ir-reklami kienu ntqalu lill-atturi permezz tat-telephone u r-reklam eventwalment hareg. L-istess Caroline Fenech tikkonferma li kien sar zball fir-reklamar fis-sens li dak illi kellu jkun reklamar bhala reklam tac-cena ta' l-ewwel tas-sena hareg bhala ikla tal-Milied. Sabiex jirrimedjaw ghal dan l-izball is-socjeta' attrici offrewlu reklam iehor u li jaghmlulu feature u li kif fil-fatt sar, Dok J P 2. Dana huwa konfermat mill-credit controller tas-socjeta' attrici John Peel.**

**4. Sabiex isir dan il-feature, l-istess Caroline Fenech flimkien ma' ohra jisimha Karen marru r-restaurant tal-konvenut fejn gew mistiedna ghall-ikel. Skond l-istess Caroline Fenech il-ftehim kien li huma jaghmlu l-feature u hu jhallas tar-reklami.**

**5. Jirrizulta mix-xhieda stess ta' Caroline Fenech li meta cemplulha dwar ir-reklam, dwar l-affarijiet li kien hemm ghall-ikel, hi ma vverifikatx il-korrettezza ta' kif jinkitbu l-affarijiet li kien hemm fil-menu.**

**6. Jirrizulta illi dwar ir-reklami in kwistjoni ma kienx sar l-ilment bil-miktub ghal kemm kien gie rilevat lill-konvenut li dan kellu jsir.**
**7. Jirrizulta wkoll illi l-konvenut ma kienx tant interessat fil-feature li tawh peress illi hu ma kienx ser izomm ir-restaurant imsemmi, u ried feature fuq restaurant iehor. Is-socjeta' attrici ma accettatx.**
**8. Fil-fatt jirrizulta illi l-ilment jikkoncerna reklam wiehed u mhux zewg reklami. Jirrizulta wkoll illi meta jsir feature wiehed fil-fatt ma jhallasx ghalih, u fil-fatt min ikun mar biex jaghmel il-feature jkun gie mistieden ghall-ikel. L-istess John Peel ighid: "normalment tal-feature ma niccargjawx."**
**9. Clint Farrugia li jbiegh ir-reklami mas-socjeta' attrici jikkonferma li l-kont ma thallasx, pero' jikkonferma wkoll li kien sar zball u li sabiex jirrimedjaw ghal dan l-izball offrew li jaghtuh feature.**
**10. Il-konvenut jikkonferma illi l-izball sar fir-reklam ta' l-ewwel tas-sena. Il-konvenut cempel lis-socjeta' attrici u ilmenta dwar danni li sofra, u jaqbel li ghal dawn id-danni ghamlulu feature. Il-konvenut jilmenta li minhabba s-sitwazzjoni baqa' minghajr reklam ghall-ikla ta' l-ewwel tas-sena, pero' ma jaqbilx illi kien hemm xi ftehim illi hu jhallas dak li kellu jhallas kemm-il darba jsir dan il-feature.**
**11. It-Tribunal mix-xhieda prodotta rrizultalu li ma jistax jinghad li kien hemm il-ftehim li qed jallegaw l-atturi. Pjuttost is-sitwazzjoni kienet illi s-socjeta' attrici ghamlet zball u konsegwentement u gustament f'dak l-istadju l-konvenut irrifjuta li jhallas u s-socjeta' attrici rrimedjat ghal dak l-izball billi akkomodat lill-konvenut b'feature li fi kwalunkwe kaz wiehed ma kienx ihallas ghalih. Ghalhekk tenut kont ta' dak li ntqal jigi li l-konvenut hu tenut li jhallas lis-socjeta' attrici l-prezz ta' reklam wiehed fl-ammont ta' wiehed u sebghin lira u seba' u tmenin centezmu (Lm71.87c) li huma ghar-reklam tal-Milied, pero' definittivament m'ghandhux ihallas ghar-reklam ta' l-ewwel tas-sena.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' wiehed u sebghin lira u seba' u tmenin centezmu (Lm71.87c) u jikkundanna**

**lill-konvenut li jhallas lis-socjeta' attrici l-isemmija somma ta' wiehed u sebghin lira u seba' u tmenin centezmu (Lm71.87c) u bl-imghaxijiet legali dekorribbli millum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------